ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2015**

**Ir-Raba' Sena** | **L-ISTUDJI SOĊJALI** | **Il-Ħin: Siegħa**

**Massimu: 80 marka**

**L-Isem:** ______________________________ **Il-Klassi:** ____________

**1.** **Nies li Jgħinuna.** Erbgħa minn dawn il-persuni li ġejjin, jgħinuna ħafna fil-lokalitajiet tagħna. Ikteb l-erba' persuni fil-vojt: TURISTA, MUŻIĊISTA, PULIZIJA, PILOTA, SINDKU, SULDAT, KENNIES, GWIDA, MINISTRU, GĦALLIEM.

| **Ikteb l-erba' persuni li jgħinuna fil-komunità.** | | | |
|---|---|---|---|
| | | | |

**(marka 1 x 4 = 4 marki)**

**2.** Għid kull wieħed minn dawn hux **IMPJEGAT** jew **VOLUNTIER**. Imbagħad ikteb sentenza biex turi kif kull persuna minn dawn tgħinna f'ħajjitna. Ħares lejn l-eżempju.

(**Eżempju**): IL-PULIZIJA:
Impjegat jew voluntier? ***impjegat***
Kif jgħinna? ***iżomm l-ordni***

(a) IS-SEGRETARJU TAL-KAŻIN TAL-BANDA:
Impjegat jew voluntier? ____________________ (1)
Kif jgħin lill-membri tal-każin? ____________________
____________________ (2)



(b) L-GĦALLIEM:
Impjegat jew voluntier? ____________________ (1)
Kif jgħinna? ____________________
____________________ (2)



(c) IL-MEXXEJ TAL-ISCOUTS:
Impjegat jew voluntier? ____________________ (1)
Kif jgħin lill-iscouts? ____________________
____________________ (2)



**(9 marki)**

**3. Ikteb IVA jew LE fil-kaxxi l-vojta.** In-numru 3 hija lesta bħala eżempju.

| | | IVA / LE |
|---|---|---|
| 1 | Jekk inqum ma niflaħx, inċempel il-Kunsill Lokali. | |
| 2 | Jekk mara anzjana li tgħix waħedha tisma' ħsejjes mhux tas-soltu, l-aħjar iċċempel lill-pulizija għall-għajnuna. | |
| 3 | Biex nagħmel suġġeriment lill-kap tal-iskola, nista' ngħaddih lill-Kunsill tal-Istudenti. | *IVA* |
| 4 | Il-Kunsill tal-Istudenti għandu jiddiskuti l-ħajja personali tal-istudenti. | |
| 5 | It-tabib, minbarra li jgħinna biex infiqu meta nimirdu, jgħallimna wkoll kif nipproteġu ruħna minn ħafna mard. | |
| 6 | Il-kennies għandu jara li t-toroq tagħna jkunu nodfa. | |
| 7 | Meta jkollna inċident fid-dar, għandna nċemplu lis-Sindku. | |
| 8 | Meta xi ħadd jinfaraġ, l-aħjar huwa li żżommlu n-naħa ta' fuq tal-imnieħer magħfusa. | |
| 9 | M'għandna qatt immissu affarijiet li jaħdmu bl-elettriku b'idejna mxarrbin. | |

**(marka 1 x 8 = 8 marki)**

**4. Aqta' sing taħt it-tajbin.**






1. Mill-(pjanta, mappa, gallarija) tar-raħal nindunaw illi maġenb il-Knisja Parrokkjali nsibu l-pjazza.
2. Biex infittxu belt jew raħal ta' xi pajjiż nużaw (il-pjanta, il-mappa, id-disinn) ta' dak il-pajjiż.
3. Il-mapep jintużaw ħafna (mit-turisti, mis-sajjieda, mill-bdiewa) li jkunu qegħdin iżuru pajjiż barrani.
4. Biex naraw fejn jinsab xi kontinent nużaw (pjanta, mappa, disinn) tad-dinja.

**(marka 1 x 4 = 4 marki)**




**5. Wieġeb bl-għajnuna tal-mappa mogħtija.**

1. Ikteb l-ismijiet MALTA, GĦAWDEX u KEMMUNA fil-kaxxi l-vojta. (3)
2. Għaliex ngħidu li Malta u Għawdex huma **gżejjer**?

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (2)
3. Il-belt kapitali ta' Malta hija: ______________________ (1)
4. Fuq il-mappa, immarka l-belt kapitali ta' Malta bl-ittra **K**. (1)
5. In-numru 1 fuq il-mappa jurina belt li fl-antik kienet il-belt kapitali ta' Malta. Ikteb l-isem ta' din il-belt: ______________________ (1)
6. Liema raħal minn dawn huwa mmarkat bin-numru 2 fuq il-mappa? IL-MOSTA, IŻ-ŻURRIEQ, MARSAXLOKK, IL-MELLIEĦA. Ikteb l-isem hawn:

   ______________ (1)
7. In-numru 3 jurina post fejn insibu ħafna lukandi u appartamenti għat-turisti. Dan il-post huwa: IL-GUDJA, MARSALFORN, BUĠIBBA, L-IMDINA. Ikteb l-isem fil-vojt li ġej:

   ______________________________________________ (1)

**(8 marki)**

**6. Agħżel mill-bliet u l-irħula tal-lista biex twieġeb il-mistoqsijiet.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Valletta | Ir-Rabat Malta | Is-Siġġiewi | Il-Birgu | Tas-Sliema |
| Buġibba | Marsaxlokk | Il-Mellieħa | Il-Gudja | Il-Mosta |
| Iċ-Ċirkewwa | Ir-Rabat Għawdex | Marsalforn | L-Imġarr Għawdex | L-Imdina |

1. Semmi żewġt ibliet jew irħula mibnija fuq għolja:
   (a) ______________________________ (1)
   (b) ______________________________ (1)
2. Semmi tlett ibliet jew irħula li jmissu mal-baħar:
   (a) ______________________________ (1)
   (b) ______________________________ (1)
   (c) ______________________________ (1)
3. Semmi raħal fejn insibu ħafna sajjieda: ______________________________ (1)
4. Semmi post f'Malta minn fejn nistgħu nirkbu għall-vapur t'Għawdex:
   ______________________________ (1)
5. Mil-lista, semmi post f'Għawdex fejn insibu ramla popolari ħafna mal-għawwiema:
   ______________________________ (1)
6. Semmi belt f'Malta li nsibuha kważi tmiss eżatt mal-Imdina:
   ______________________________ (1)
7. L-ajruport ta' Malta nsibuh qrib ir-raħal tal- ______________________________ (1)
8. Ikteb l-isem tal-belt ewlenija t'Għawdex: ______________________________ (1)

**(11-il marka)**

**7. Immarka b'ċirku ĦAMES (5) affarijiet li nsibuhom l-iktar fil-KAMPANJA.**

Waħda minnhom hija lesta bħala eżempju.

| | | |
|---|---|---|
| għelieqi | bandli | bini għoli |
| ħamrija | ħitan tas-sejjieħ | razzett (circled) |
| ajruport | lukandi | ristoranti |
| siġar | baqar | swar |

**(marka 1 x 5 = 5 marki)**

**8. Aqra:** Fir-ritratt tidher xena li nistgħu naraw fil-kampanja Maltija. Insibu nies li jixtiequ ħafna li jkunu jgħixu f'xi raħal ħelu u żgħir f'Malta jew f'Għawdex. B'hekk huma jkunu jistgħu jkunu qrib il-kampanja. Oħrajn ma togħġobhomx il-kampanja, imma jħobbu l-ħajja f'xi belt kbira.



**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Inti fejn tixtieq tgħix, fil-kampanja jew f'xi belt? ______________________________ (1)
2. Ikteb żewġ raġunijiet għaliex tixtieq tgħix hemm.
   (a) L-ewwel raġuni: ______________________________________________
   ______________________________________________ (2)
   (b) It-tieni raġuni: ______________________________________________
   ______________________________________________ (2)

**(5 marki)**

**9. Aqra, imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet billi jew timmarka r-risposta t-tajba jew billi timla l-vojt.** L-istampi għandhom jgħinuk.

1. Fl-istampa jidher il-monument illi jfakkar lil Dun Karm Psaila. Dan il-monument insibuh fil-(Gudja, Furjana, Mellieħa, Mosta). (1)

2. Dun Karm twieled fir-raħal ta' (Ħaż-Żabbar, Ħaż-Żebbuġ, Ħal Lija, Ħal Tarxien). (1)

3. Semmi żewġ affarijiet li Dun Karm Psaila baqa' magħruf għalihom:
   (a) ______________________________________________
   ______________________________________________(1)
   (b) ______________________________________________
   ______________________________________________ (1)



4. Fit-18 t'Ottubru, kull sena niċċelebraw Jum Dun Karm. Agħti raġuni waħda għaliex taħseb li huwa tajjeb li nibqgħu niċċelebraw dan il-jum.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)



5. Fl-istampa jidher il-monument li jfakkar lil Dun Mikiel Xerri u lil sħabu. Dan il-monument nistgħu narawh fil-(Mellieħa, Gudja, Belt Valletta, Furjana). (1)

6. X'għamel speċjali Dun Mikiel Xerri biex ismu baqa' jissemma sal-lum?

__________________________________________

__________________________________________ (2)

7. X'jistgħu jitgħallmu l-istudenti meta jaqraw dwar il-ħajja ta' Dun Mikiel Xerri? Semmi tagħlima waħda.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

8. **Aqra:** Biex nitgħallmu l-Istorja aħna nużaw ħafna s-**SORSI PRIMARJI**. Semmi sors primarju li taf li jeżisti, għal kull wieħed minn dawn il-personaġġi li ġejjin.
   1. Sors Primarju li jgħallimna dwar **Dun Karm Psaila**:

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________ (1)

   2. Sors Primarju li jgħallimna dwar **Dun Mikiel Xerri**:

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________ (1)

   3. Sors Primarju li jgħallimna dwar **Dun Ġorġ Preca**:

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________ (1)

**(14-il marka)**

**10. Imla l-vojt bil-kliem mogħti.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| jgħallmu | tal-Bniet | iż-żgħażagħ | Soċju tal-Mużew |
| karattru | Nisranija | Djar | bil-murtali |
| monumenti | ċittadini | ħaj | fl-Awstralja |



Fl-istampa jidher il-Mużew tas-Subien illi għandna f'wieħed mill-irħula żgħar ta' Malta. Dun Ġorġ Preca fetaħ Mużewijiet tas-Subien u anke ______________ kważi f'kull belt u f'kull raħal illi jeżistu f'Malta u f'Għawdex. Il-Mużewijiet jissejħu ______________ jew Oqsma tad-Duttrina.

Fil-Mużewijiet insibu katekisti, irġiel u nisa, illi wara x-xogħol tagħhom ta' kuljum, imorru ______________ lit-tfal Maltin u Għawdxin. Huma jgħallmuhom mhux biss ir-Reliġjon______________, imma jgħallmuhom ukoll kif jiffurmaw ______________ sod u kif ikunu ______________ tajbin.

Meta wieħed jikber, jista' jsir membru tal-Mużew u allura jibda jissejjaħ ______________. Is-Soċji tal-Mużew jagħmlu ħilithom biex id-Djar tad-Duttrina, jew il-Mużewijiet, iħallu kemm jista' jkun frott maż-żgħażagħ li jmorru fihom.

Illum, insibu Soċji tal-Mużew li jaħdmu fost ______________ mhux biss f'Malta u Għawdex, imma wkoll f'pajjiżi barranin, fosthom ______________, fis-Sudan fil-Kenja, fil-Perù, fl-Albanija u fil-Polonja.

Jekk inħarsu madwarna, ma nsibux ______________ jew festi ______________ biex ifakkru lil Dun Ġorġ Preca. Imma nistgħu ngħidu illi d-Djar tad-Duttrina jew il-Mużewijiet, kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta, flimkien maż-żgħażagħ li jmorru fihom, huma l-monument ______________ illi għandu Dun Ġorġ Preca llum.

**(marka 1 x 12 = 12-il marka)**

**TMIEM IL-KARTA**

| | |
|---|---|
| **Social Studies**<br>Maltese version | **Maltese Version**<br>**Paġna 3 - Ex 5 - Numru 1**<br>Il-marki għal din il-mistoqsija jridu jkunu **(1)** mhux **(3)** għat-tliet risposti tajbin. |